MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 285/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**VS**

**LAWRENCE CARUANA**
**ADONIS CARUANA.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Lawrence Caruana, iben George u Grace nee' Galea, imwieled nhar it-28 ta' Marzu 1976 Pieta' u residenti 65,

Triq San Enriku, Sliema, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ 214376 M;

U kontra Adonis Caruana, iben George u Grace nee’ Galea, imwieled nhar is-7 ta’ Ottubru 1978 Pieta’, u residenti 65, Triq San Neriku, Sliema, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ 503578 M;

Talli nhar is-16 ta’ Frar 2002, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ filghodu (3.30am), gewwa l-parkegg tal-Casino Dragonara fi Triq Dragonaro San Giljan u/jew fl-istess akwati, hadu f’idejhom xi funzjoni pubbliku sew civili jew militari, u cioe’ dik ta’ membri tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta, minghajr ma’ kellhom jedd ghaliha, u ezercitaw xi att ta’ dik il-funzjoni u dan bi ksur.

Wara illi rat l-Artikolu 84 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-imputati huma addebitati r-reat ikkontemplat bl-Artikolu 84 tal-Kapitolu 9.

Illi, fil-fehm tal-Qorti, x-xhieda tal-Prosekuzzjoni f’dina l-kawza ghandha tinqasam fi tnejn, u cioe’:

1) Mary Tatchev u Alison Colombo. Dawn kienu z-zewg nisa li gew avvicinati minn zewg guvintur li, meta ‘gew challenged’ minnhom, min kienu, u x’kienu qed jaghmlu f’dak il-post f’dak il-hin, irrispondew illi kienu membri tac-CID fuq xoghol. Meta x-xhud Tatchev insistiet maghhom sabiex jipproducu l-I.D. cards, dawn irrifjutaw u saqu minn fuq il-post.

Waqt illi x-xhud Colombo ma' tarafx lill-imputati, lanqas dak li kellimhom, ghax 'ex admissis' hija ma' tiftakarx ucuh, hija tiftakar illi l-vettura minnhom uzata kienet tal-marka Hyundai Accent, ix-xhud Tatchev, posittivament taghraf lill-imputat Lawrence Caruana bhala z-zaghzugh li kellimha u lil Adonis Caruana bhala z-zaghzugh li baqa'

fil-karozza. Dina x-xhud hija wkoll kapaci li taghraf il-vettura uzata kienet tal-marka Hyundai, izda ma tafx il-mudell. Dana thallieh ghal sehbitha ghax din dilettanta tal-karozzi.

2) Joseph Parnis u Denis Vella, iz-zewg Security Officers mghajta minn Alison Colomba in ghajnuna, wara illi hi uTatchev gew akkostati minn zaghazagh injoti fil-Car Park tad-Dragonara Palace Casino u li gew jigru immedjatament fuq il-post. It-tnejn raw lill-vettura bajda tallontana ruhha u identifikawha bhala vettura tal-marka Hyundai Accent. Sahansittra ix-xhud Joseph Parnis hadilha n-numru ta' registrazzjoni taghha, u cioe' LCC 674.

Illi din l-informazzjoni, perse, hija limitata lill-versjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, izda ssib konfermazzjoni inaspettata fix-xhieda ta' l-imputati stess, meta fl-istqarrija taghhom, Adonis, waqt illi jammetti illi huwa l-proprjetarju tal-vettura, jinforma lill-interrogatori tieghu illi dina l-vettura huwa qatt ma jsellifha lil terzi u juzaha hu biss. Ergo dana jfisser biss haga wahda u cioe', min kien qed isuq din il-vettura dak in-nhar ta'l-incident (posittivament identifikata mix-xhieda kollha u sahansitra n-numru taghha mehud minn Parnis), ma setghux ikunu ghajr hlief l-imputati odjerni; sussegwentement maghrufa posittivament minn xhud Tatchev.

Illi, veru illi l-imputati, fl-istqarrijet taghhom, sostnew alibi, izda, fid-difiza taghhom, ma gabu l-ebda prova in sostenn ta' dawna l-allegazzjonijiet taghhom.

Illi l-anqas ma jista' jinghat importanza lill-argument tad-difiza dwar l-gharfien ta' l-imputati mix-xhud Tatchev. Ma kienx hemm bzonn ta' identification parade, stante illi Tatchev identifikat liz-zewg

zaghazagh meta kienu barra jistennew fil-veranda ta' l-Ghassa ta' San Giljan, wahedhom.

Wiehed, allura, ghandu jistaqsi x'kienu qeghdin jaghmlu z-zewg imputati dak il-hin tard fil-Car Park tad-Dragonara Casino, iduru mal-karozza? It-tnejn iddikjaraw illi huma jinsabu bla xoghol bhalissa u wiehed malajr jasal ghall-konkluzzjoni illi dawn it-tnejn gew interrotti jew iddeturbati f'xi avventura illecita, nonostante il-fedina penali nadifa taghhom.

Illi l-Qorti hija wkoll sodisfatta dwar ir-raguni tat-tardivita' li sar fir-rapport lill-Pulizija minn Tatchev.

Fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, fil-waqt li ssibhom hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, qeghda tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-lum, a tenur ta' l-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

---------------------------------TMIEM---------------------------------